**358. L-Onor. Jason Azzopardi MP, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att tal-2016 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.”

16.06.16

**ABBOZZ TA' LIĠI**

Imsejjaħ

*ATT sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali*

Il-President, bil-kunsens u bil-parir tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa Att tal-2016 li jemenda l-Kodiċi Kriminali u l-Att għandu jiftiehem u jinqara bħala ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi";

2. L-artiklu 515 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

   a. Fis-subartiklu (1) għandhom jitneħħew il-kliem "wara att ta' akkuża";
   b. Minnufih wara s-subartiklu (2) tal-artiklu 515 għandu jiżdied dan is-subartiklu ġdid li ġej:

      "(3) Fil-każ li ssir ir-referenza bis-saħħa tal-artiklu 515(1)(a), għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-diżpozizzjonijiet tal-artikli 574 sa 587 tal-Kodiċi".

---

## Għanijiet u raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa sabiex f'każijiet eċċezzjonali fejn jiġi ppruvat li tkun saret amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja l-Qorti tal-Appell Kriminali jkollha s-setgħa tistħarreġ mill-ġdid każ li jkun ġie referut lilha wara kundanna minn kwalsiasi Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

**A BILL**

**entitled**

*AN ACT to amend the Criminal Code.*

Be it enacted by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

1. The short title of this Act is the Criminal Code Act, 2014 and shall be read and construed as one with the Criminal Code, hereinafter referred to as "the Code";
2. Article 515 of the Code shall be amended as follows:
    a. In subarticle (1) the words "on indictment" shall be deleted;
    b. Immediately after subarticle (2) of article 515 there shall be added the following the new subarticle

    "(3) In the case of a reference made under the provisions of article 515(1)(a) the provisions of article 574 to 587 of the Code shall be applicable *mutatis mutandis*"

## Objects and Reasons

The aim of this Bill is to empower the Court of Criminal Appeal, in exceptional cases, to treat anew any conviction meted out by any Court of Criminal Justice where a miscarriage of justice took place.